**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 3/16 AL

**A sive H B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-esponenti H B u l-intimat C D izzewgu fil-21 ta' Frar 1995, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru mija tnejn u hamsin tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (152/1995) (Dok A);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, Sara D B, illum maggorenni u student universitarja, u Matthew D B, li ghandu 13-il sena;

Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin de facto minn Gunju 2008, filwaqt li sseparaw legalment b'kuntratt tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tal-1 ta' Dicembru 2015 (Dok. B);

Illi l-esponenti H B u l-intimat C D huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom u ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni imsemmi huma irrinunzjaw definittivament u irrevokabilment ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi lanqas ma hemm dovut ebda manteniment bejn il-kontendenti fir-rigward ta' uliedhom, u lanqas ma hemm kwistjonijiet bejn il-kontendenti fir-rigward;

Illi l-ulied tal-partijiet, li jghixu mal-esponenti, qed jircievu manteniment adegwat, skont ic-cirkostanzi taghhom, liema manteniment jinsab regolat bil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti fuq imsemmi;

Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 152/1995;
(2) Tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Jannar 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Gunju 2008 u legalment separati mill-1 ta' Dicembru 2015;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.